MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2009

Citazzjoni Numru. 225/2007

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ta’ l-attur ppreżentat fit-23 ta’ Mejju, 2007 li permezz tiegħu espona bir-rispett:

1. Illi l-partijiet iżżewġu fit-tlieta ta’ Mejju tas-sena elf disa’ mija sitta u disgħin (03.05.1996), kif jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala Dok. A;

2. Illi ż-żwieġ tal-partijiet huwa null billi l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha, jew b’anomalija psikoloġika

serja li għamlitha mpossibli għaliha li taqdi l-obbliġi essenzjali taż-żwieġ;

3. Illi l-istess żwieġ huwa null billi l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat u nkiseb b'esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ.

4. Illi l-istess żwieġ huwa null billi l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat u nkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-oħra li tista' mix-xorta tagħha tfixkel serjament il-ħajja miżżewġa;

5. Illi *oltre* dan, iż-żwieġ tal-kontendenti huwa null u bla effett u dan minhabba l-biża' reverenzjali li kellha l-konvenuta mill-ġenituri tagħha.

6. Illi għalhekk iż-żwieġ tal-partijiet huwa null u minghajr ebda effett a tenur ta' l-artikolu 19(1) (a)(c)(d) u (f) tal-Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta;

7. Illi l-attur jaf b' dawn il-fatti personalment;

8. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Għaldaqstant, in vista tal-premess, l-attur jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara illi ż-żwieġ li ġie kkuntrattat bejn il-partijiet fit-tlieta ta' Mejju tas-sena elf disa' mija sitta u disgħin (03.05.1996), huwa null u mingħajr effett a tenur ta' l-artikolu 19(1) (a),(c),(d) u (f) tal-Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta, li minn issa hija nġunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenuta ppreżentata fit-12 ta' Settembru 2007 fejn qalet bil-qima:

1. Illi l-esponenti taqbel illi ż-żwieġ ċelebrat bejnha u bejn ir-rikorrent A għandu jiġi dikjarat null u bla ebda effett iżda dan minħabba f' raġunijiet, ħtijiet u / jew tortijiet unikament imputabbli lill-istess rikorrent, u mhux raġunijiet, htijiet u / jew tortijiet imputabbli lir-rispondenti kif allegat fir-rikors promotur.

2. Illi fir-realta' ż-żwieġ bejn il-kontendenti huwa null billi l-kunsens tar-rikorrent A (u mhux dak tar-rispondenti, kif allegat fir-rikors promotur) kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-dmirijiet u d-drittijiet essenzjali tagħha, jew b'anomalija psikoloġika serja li għamlitha mpossibbli għar-rikorrent li jaqdi l-obbliġi essenzjali taż-żwieġ, u dan kif ser jiġi ampjament pruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża.

3. Illi mhuwiex minnu dak allegat mir-rikorrent illi l-kunsens tar-rispondenti kien vizzjat u nkiseb bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu, jew ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ (kif anke evidenzjat mill-istess fatt illi l-kontendenti għandhom żewġ ulied minn dan iż-żwieġ).

4. Illi r-rispondenti taqbel ma' dak allegat fir-raba' (4) paragrafu tar-rikors promotur illi l-kunsens tagħha kien vizzjat u inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tar-rikorrent li mix-xorta tagħha tista' tfixkel serjament il-ħajja miżżewġa.

5. Illi assolutament mhuwiex minnu dak allegat mir-rikorrent illi r-rispondenti żżewġet minħabba xi biża' riverenzjali lejn il-ġenituri tagħha, anzi, għall-kuntrarju, da parti ta' omm ir-rispondenti kien hemm oġġezzjoni għal dan iż-żwieġ minħabba fil-karattru u fl-eċċessi tar-rikorrent u r-rispondenti ssoġġettat il-kunsens tagħha għal dan iż-żwieġ għall-kundizzjoni illi r-rikorrent jinbidel u jimmatura, xi ħaġa li, sfortunatament, ma seħħitx.

6. Illi l-ispejjeż kollha ta' din il-proċedura għandhom jiġu allokati lir-rikorrent.

Rat l-atti proċesswali.

Rat l-affidavit ta' l-attur;

Rat l-affidavit tal-konvenuta;

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Dicembru 2008 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jitlob l-annullament taż-żwieġ kontrattat bejn il-partijiet fit-3 ta' Mejju 1996 a bażi ta' l-artikolu 19 (1) (a) (c) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-konvenuta qed topponi, u kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin f'materja ta' żwieġ illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax tagħmilha daqshekk faċli li parti tirrepeti kliem il-liġi u l-parti l-oħra tammetti, u b'hekk jirrendu ż-żwieġ annullabli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn m'aħniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabbilta' ta' xi kollizjoni, imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax tħalli nies li kappriċċjożament wara xi żmien ta' żwieġ jiddeċiedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iż-żwieġ u meta jkollhom sieħba jew sieħeb ieħor jerġgħu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirriżultaw verament raġunijiet għall-annullament tiegħu l-istess żwieġ għandu jiġi annullat pero' dan ma għandux ikun sabiex jiġu akkomodati l-kapriċċi ta' dak jew l-ieħor. Għalhekk il-kawżali għall- annullament għandha tirriżulta ċara u mingħajr dubbju (Anna Tonna vs Alexander Tonna deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Novembru 1991).

L-artikli ċitati mill-attur jirrigwardjaw is-sub-inċiżi segwenti;

19 (1) (a) – il-kunsens inkiseb bi vjolenza fiżika jew morali jew bil-biża';

19 (1) (c) – il-kunsens inkiseb b'qerq dwar il-kwalita' tal-parti l-oħra;

19 (1) (d) – vizzju tal-kunsens ta' xi parti li jkun b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-ħajja miżżewġa jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tagħha jew b'anomalija serja

psikoloġika li tagħmilha mpossibbli li dik il-parti taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;

19 (1) (f) – li l-kunsens ta’ xi parti jkun inkiseb b’esklużjoni pożittiva taż-żwieġ jew xi element essenzjali tiegħu, jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ .

Kif qalet il-Qorti ta’ l-Appell fil-kawża Joseph Zammit vs Bernardette Zammit (27 ta’ Jannar 2006) ;

Irid mill-ewwel jiġi senjalat prinċipju fondamentali fil-liġi ċivili, u ċioe’ liż-żwieġ bejn il-kontendenti għandu jkun preżunt li jkun wieħed validu. Għalhekk huwa dover assolut ta’ kull parti fil-kawża li tagħmel prova sodisfaċenti ta’ l-allegazzjonijet rispettivi tagħha dwar l-allegazzjoni u ċioe’ li ż-żwieġ huwa null għaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega.

Is-sub-inciz (d) fuq imsemmi jsemmi ukoll li ż-żwieġ ikun null jekk ikun affetwat b’anomalija psikoloġika serja u tagħmilha mpossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ. Ta’ min jenfasiżża hawn li l-liġi tagħna tirrikjedi li l-anomalija psikoloġika tkun tali li tagħmilha mpossibbli u mhux sempliċement diffiċli li wieħed jaqdi l-obbligazzjonijet essenzjali taż-żwieġ jew inkella li jassumi l-istess obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ.

Rigward id-dispożizzjoni kontenta fis-sub-inċiż (f) fuq imsemmi biex dan id-difett ikun jirriżulta jkun jeħtieġ li jiġi provat sodisfaċentement li ż-żewġ partijiet jew waħda minnhom fil-mument ta’ l-għoti tal-kunsens matrimonjali tkun eskludiet iż-żwieġ innifsu jew eskludiet element essenzjali tal-ħajja miżżewġa jew id-dritt għall-att taż-żwieġ, u din l-esklużjoni tkun saret b’att pożittiv tal-volonta’ ta’ dik il-parti.  Huwa evidenti li din id-dispożizzjoni tirravviża sitwazzjoni ta’ simulazzjoni u għandu jiġi enfasiżżat li nullita’ ta’ żwieġ bażata fuq il-kawżali ta’ simulazzjoni proprjament tkun teskludi kawżali bażata fuq nullita’ ta’ żwieġ minħabba nuqqas ta’ esklużjoni ta’ ġudizzju. L-inkompatibbilta’ bejn dawn iż-żewġ kawżali toħroġ mill-fatt li n-nuqqas ta’ diskrezzjoni

ta' ġudizzju timplika inkapaċita' li wieħed jagħraf, jifhem u jirrifletti filwaqt li l-kawżali tas-simulazzjoni teħtieġ li jkun hemm tali kapaċita' intelletwali, proprju l-att pożittiv tal-volonta' li jwassal għas-simulazzjoni, totali jew parzjali.

Fil-kawża Nicholas Agius vs Rita Agius (25 ta' Mejju 1995) intqal illi b'difett serju ta' diskrezzjoni tal-ġudizzju l-leġislatur ma riedx ifisser sempliċement kwalsiasi stat ta' immaturita; li parti jew l-oħra fiż-żwieġ tista' tkun fiha fil-mument li jingħata l-kunsens reċiproku. Li kieku l-leġislatur irrikjeda maturita' sħiħa u perfetta ftit jew addirittura ebda żwieġ ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' *discretio judicii* hu kunċett ġuridiku intrinsikament marbut mal-kapaċita' ta' parti jew oħra fiż-żwieġ li tagħti l-kunsens liberu u xjenti tagħha għar-rabta taż-żwieġ. F'dan is-sens ġew deċiżi wkoll il-kawżi Angela Spiteri vs Joseph Spiteri (4 ta' Novembru 1994), Robert Attard vs Josephine Attard (18 ta' Ottubru 1995) u Janet Portelli vs Victor Portelli (14 ta' Awissu 1995).

Fil-kawża fl-ismijiet Mario Mizzi vs Maris Mizzi (15 ta' Novembru 2005) il-Qorti ta' l-Appell ukoll qalet li biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju jrid ikun hemm l-inkapaċita' psikika jew kostituzzjonali (mhux neċessarjament anomalija psikoloġika fis-sens mediku) li wieħed jagħraf u jirrifletti jew li jiddeċiedi liberament (jiġifieri mingħajr impulsi nterni li jkunu neħħew il-liberta' ta' l-għażla tal-persuna li tkun) fuq l-oġġett tal-kunsens matrimonjali.

L-attur ippreżenta affidavit ta' tnejn u ħamsin faċċata illi kif sewwa rrimarkat il-konvenuta huwa forma ta' awtobijografija tiegħu. Wieħed irid jgħid mill-ewwel li fejn jidħol dak li ġara wara ż-żwieġ, dak li qal l-attur huwa rrilevanti f'kawża ta' annullament ħlief biex jitfa' dawl fuq il-karattri tal-partijiet u allura jista' jkun ta' dawl għall-istat mentali tagħhom meta daħlu għaż-żwieġ. Kien bla dubbju żwieġ li pproduċa ħafna mumenti mqanqlin li taw lok għal separazzjoni missielta li iżda ġiet riżolta permezz ta' separazzjoni bonarja u llum il-partijiet jinsabu t-tnejn f'relazzjoni stabbli ma' sieħeb u sieħba ġodda. Dan il-fatt bla dubbju għen biex is-soluzzjoni ta' separazzjoni bonarja

setghet tintlaħaq għaliex il-Qorti kif preseduta kellha dubbji kbar li dan seta' jsir fl-eqqel tal-kwistjonijiet bejniethom.

L-attur infatti jagħlaq l-affidavit tiegħu (bl-Ingliż) b'dan il-mod; *"I confirm that our separate lives are now well underway and that an annullment is the only missing link to a new and already flourishing life."* Huwa għandu raġun, iżda sfortunatament għalih f'Malta ma jeżistix ir-rimedju veru li jonqsu, u ċioe' d-divorzju, li l-Qorti tal-Familja probabbilment ma jkollha ebda problema li takkorda f'dan il-każ kieku dan l-istitut jifforma parti mill-ordinament ġuridiku tagħna. Annullament mhux sostituzzjoni għal divorzju u allura l-Qorti bilfors trid tara jekk jeżistux ir-raġunijiet biex jiġi akkordat.

Il-Qorti tħoss li l-unika raġuni li tista' tgħin lill-attur hija l-ammissjoni tiegħu li kien jesperimenta bil-*marijuana* meta kien għarus, fejn jallega li l-konvenuta wkoll ma kinitx toqgħod lura. Il-konvenuta da parti tagħha tiċħad ħafna mill-allegazzjonijiet ta' l-attur u tgħid li konvenjentement l-attur nesa li fil-kawża ta' separazzjoni kien ċaħad li kien jieħu d-drogi. Kollox ma' kollox pero' hija iktar kienet interessata tiċħad l-allegazzjonijiet tiegħu fil-konfront tal-familja tagħha. Il-konvenuta pero' tagħmel ħafna sens li tgħid: *"Should divorce be introduced in Malta I would hasten to apply immediately but I have no interest to obtain an annullment for the reasons above outlined."*

Il-Qorti għalhekk tħoss li kollox ma' kollox l-attur ma rnexxielux jipprova illi l-fatt li kien jesperimenta bid-droga kellu xi effett fuq l-istat mentali tiegħu qabel u fil-mument taż-żwieġ, u kwindi ma jeżistux ir-raġunijiet biex tiddikjara ż-żwieġ null fuq il-lanjanzi li ressaq.

**Għalhekk il-Qorti tiċħad it-talbiet attriċi; fiċ-ċirkostanzi l-ispejjeż ikunu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------